MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 1360/2010

**Daniel Mercieca (ID-15469G)
ghan-nom u in rapprezentanza
ta' Bacchus Winery**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited (C-10538) u
Sovereign Caterers Limited (C-28364) u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2011 giet kjamata in kawza
Crown Hotels Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara li biegh lill-konvenuti, u senjatament lill-lukanda proprjeta' ta' l-istess konvenuti, Crown Hotel, prodotti ta' l-inbid bl-ingrossa ammontanti ghal elf mitejn u erbghin Ewro u erbatax-il centezmu (€1,240.14c) skond ma jirrizulta mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok.DM1 sa Dok.

DM 7; Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi inkluz b'ittra legali datata 26 ta' Mejju, 2010 biex jaffettwaw il-hlas relattiv, baqghu inadempjenti.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2891/10 pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, u ta' l-ittra interpellatorja suriferita u bl-imghax legali mid-data ta' kull *invoice* rispettiva, u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjetajiet konvenuti, li permezz taghha eccepew illi in linea preliminari, s-socjetajiet eccipjenti Sovereign Hotels Limited (C10538) u Sovereign Caterers Limited (C28364) m'humiex il-legittimi kontradditturi tat-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur; Illi, wkoll in linea preliminari izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili; Illi, wkoll in linea preliminari izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili; Illi fil-mertu, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra l-verbal tal-24 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu t-Tribunal ordna li jitressqu l-provi dwar l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti.

Ra r-rikors tal-attur datat 21 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu l-attur talab illi tigi kjamata in kawza s-socjeta' Crown Hotels Limited; ra d-digriet tat-22 ta' Marzu, 2011 li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza, li permezz taghha eccepiet illi, in linea preliminari, it-talbiet attrici kif dedotti kontra Crown Hotels Limited (C22101) huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili; Illi, wkoll in linea preliminari izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti kontra Crown Hotels Limited (C22101) huma preskritti bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-Artikolu

2156 (f) tal-Kodici Civili;  Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur jehtiglu jressaq prova cara tal-prodotti allegatament fornuti lis-socjeta' eccipjenti Crown Hotels Limited (C22101), u tal-valur tal-istess imsemmija prodotti, skond il-ligi, inkluz, *inter alia*, skond Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta];  Illi, fil-meritu, t-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront ta' Crown Hotels Limited (C 22101), huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement jimmeritaw illi jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti u s-socjeta' kjamata in kawza, kif ukoll dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjetajiet konvenuti.

Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-attur qed jitlob hlas minghand is-socjetajiet konvenuti u s-socjeta' kjamata in kawza tal-ammont ta' elf mitejn u erbghin Ewro u erbatax-il centezmu (€1,240.14c) li skond il-fatturi li gew ipprezentati mal-avviz tat-talba, jirraprezentaw il-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjetajiet konvenuti u dik kjamata in kawza, jew min minnhom.  Illi dawn il-fatturi huma intestati lil "Crown Hotel", u huma datati bejn is-6 ta' Settembru, 2005 u s-7 ta' Novembru, 2006.

Illi mix-xhieda li nghatat mill-partijiet u ohrajn, irrizulta illi s-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited tiggestixxi l-lukanda The Windsor Hotel, is-socjeta' konvenuta Sovereign Caterers Limited tiggestixxi l-istabbiliment La Piazza Bar and Restaurant, filwaqt illi s-socjeta' kjamata

in kawza tiggestixxi l-lukanda Crown Hotel. Illi ghalkemm huma socjetajiet separati u distinti, jidher illi hemm ness bejn dawn it-tliet socjetajiet, u fil-fatt it-tliet socjetajiet jidher li ghandhom bhala direttur taghhom lix-xhud Ronald Azzopardi, li da parti tieghu ddikjara illi ghall-finijiet ta' *marketing*, it-tliet socjetajiet jipprezentaw ruhhom kollettivament bhala Sovereign Hotels Group.

Illi kemm il-fatturi u anke r-rendikont, li kopja taghhom tinsab a fol. 3 sa 8 tal-atti, u mill-gdid a fol. 52 sa 58 tal-atti, jindikaw illi l-konsenja saret lil Crown Hotel, ghalkemm fuq uhud minn dawn id-dokumenti jidhru wkoll l-isem "La Piazza" u Windsor Hotel", izda dawn gew maqtugha u sostitwiti bil-kliem "Crown Hotel". Illi l-uniku dokument li fuqu hemm indikat indirizz postali huwa r-rendikont a fol. 3 u 52 tal-atti, li madanakollu, huwa indirizz differenti minn dak indikat bhala *registered office* kemm tas-socjetajiet konvenuti, kif ukoll tas-socjeta' kjamata in kawza, kif jirrizulta mid-dokumenti ufficjali li jinsabu a fol. 25 u 28 tal-atti. Illi ghalhekk mhux daqstant car fejn saret il-konsenja tal-merkanzija mertu ta' din il-kawza; madanakollu, u skond id-deposizzjoni li nghatat mill-attur fl-atti ta' kawza ohra bejn l-istess partijiet, liema deposizzjoni giet ipprezentata f'din il-kawza, il-bejgh ta' merkanzija lis-socjetajiet konvenuti u s-socjeta' kjamata in kawza, jew min minnhom, dejjem huwa *wholesale*, u anke l-prezzijiet indikati fuq il-fatturi relattivi huma *wholesale*. Illi dan l-istat ta' fatt ma giex ikkontestat mis-socjetajiet konvenuti u lanqas minn dik kjamata in kawza.

Illi mir-rendikont a fol. 3 u 52 tal-atti jidher ukoll illi sar hlas akkont ta' mitt Ewro (€100) fis-16 ta' Gunju, 2008, u meta mistoqsi dwar dan il-hlas, ir-rapprezentant tas-socjetajiet konvenuti ddikjara li ma jiftakarx li gie mwettaq dan il-hlas, u li kellu jivverifika dwaru. L-attur, da parti tieghu, ipprezenta kopja ta' ricevuta ghal tali hlas (a fol.47 tal-atti), li madanakollu turi li gie mwettaq hlas ta' mitejn Ewro (€200), u li din ir-ricevuta giet rilaxxjata a favur ta' "Sovereign Hotels". Illi skond id-deposizzjoni li nghatat mill-istess attur, dan il-hlas gie mwettaq fi flus kontanti, u mitt Ewro (€100) minnhom tnaqqsu mill-kont ta' Windsor u mitt Ewro (€100) l-ohra tnaqqsu mill-kont ta' Crown Hotel.

Ikkunsidra,

Illi dwar l-eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti li m'humiex legittimi kontradditturi, jkun opportun illi jsiru s-segwenti osservazzjonijiet. Illi mid-dokumenti pprezentati mill-Ufficjal rapprezentant tal-Malta Financial Services Authority jirrizulta sodisfacentement illi jezistu tliet (3) socjetajiet separati u distinti, li madanakollu ghandhom l-istess direttur. Illi mid-dokumenti li gew ipprezentati mill-attur jirrizulta illi l-istess attur jirrikonoxxi illi dawn huma tliet (3) entitajiet separati, tant illi l-istess attur ghandu kontijiet separati ma' dawn is-socjetajiet, jew min minnhom. Dan l-istat ta' fatt gie dikjarat mill-attur stess li, b'referenza ghall-allegat pagament akkont li gie mwettaq, apporzjonah in kwantu ghal mitt Euro (€100) versu l-kont f'isem Windsor, u mitt Ewro (€100) fil-kont tal-Crown Hotel. Dwar jekk is-socjetajiet konvenuti ghandhomx kont wiehed bejniethom, jew tnejn separati, ma rrizultax sodisfacentement; madanakollu, ghall-finijiet ta' din l-azzjoni, tali stat ta' fatt mhux daqstant rilevanti ghaliex il-fatturi u r-rendikont mertu ta' din l-azzjoni huma lkoll intestati lis-socjeta' kjamata in kawza, u mhux lis-socjetajiet konvenuti, tant illi l-isem fuq il-fatturi li jinsabu a fol. 53 u 55 gew maqtugha u tnizzel l-isem "Crown Hotel".

Illi ghalkemm jidher illi l-attur kien ibiegh merkanzija kemm lis-socjetajiet konvenuti u anke dik kjamata in kawza, madanakollu, mill-provi mressqa mill-partijiet - senjatament il-fatturi li jifformaw il-mertu ta' din il-kawza - jirrizulta illi din l-azzjoni tittratta dwar merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' kjamata in kawza. Illi ghalhekk, l-eccezzjoni li giet sollevata mis-socjetajiet konvenuti li m'humiex il-legittimi kontradditturi qed tigi akkolta, u t-Tribunal ser jghaddi sabiex jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

Ikkunsidra,

Illi in rigward l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' kjamata in kawza dwar il-preskrizzjoni, u dan in bazi taz-zewg provvedimenti tal-ligi, u cioe' ai termini tal-Artikolu 2148

(b) u 2156 (f) tal-Kodici Civili, dawn jipprovdu terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar u hames (5) snin rispettivament.

Illi mill-fatturi li gewipprezentati jirrizulta illi l-merkanzija in kwistjoni giet mibjugha u kkonsenjata permezz ta' sitt (6) konsenji, datati 6 ta' Settembru, 2005, 22 ta' Settembru, 2005, 5 ta' Ottubru, 2005, 29 ta' Marzu, 2006, 12 ta' April, 2006 u 7 ta' Novembru, 2006. Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fis-6 ta' Awissu, 2010, filwaqt illi skond l-attur, gie mwettaq hlas akkont fis-16 ta' Gunju, 2008.

Illi jkun opportun illi jigi stabbilit, fl-ewwel lok, l-applikabbilita' – o meno – tat-termini preskrittivi sollevati mis-socjeta' kjamata in kawza ghall-mertu ta' din il-kawza. Illi skond id-deposizzjoni li nghatat mill-attur, u li ma gietx kontradetta, il-bejgh u konsenja ta' merkanzija mill-attur kemm lis-socjeta' kjamata in kawza, u anke lill-entitajiet kummercjali u stabbilimenti ohra, issir bil-mezz ta' ingrossa, u mhux imnut. Illi da parti taghha, s-socjeta' kjamata in kawza ddikjarat illi l-merkanzija li nbieghet lilha, kif rizultanti mill-fatturi, m'hix fi kwantitajiet kbar, u ghalhekk issostni illi tali bejgh lilha kien qed isir bl-imnut u mhux bl-ingrossa, u li ghalhekk huwa applikabbli t-terminu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi: "*Huma atti tal-kummerc – (a) ix-xiri ta' hwejjeg mobbli sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri, sew in natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati; il-bejgh jew il-kiri ta' hwejjeg mobbli, in natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati, meta x-xiri taghhom ikun sar sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri*". Illi minkejja li l-ammont ta' merkanzija li giet akkwistata mis-socjeta' kjamata in kawza ma jidhirx li kienet fi kwantitajiet kbar, madanakollu t-Tribunal huwa sodisfacentement konvint illi l-merkanzija li nbieghet lis-socjeta' kjamata in kawza ma kienitx intiza ghall-konsum personali, izda kienet att ta' kummerc, in kwantu dik il-merkanzija kienet ser tinbiegh mill-gdid mis-socjeta' kjamata in kawza lill-klijentela taghha. Illi ghalhekk huwa

applikabbli, se mai, t-terminu preskrittiv kontemplat fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ dak ta’ hames (5) snin.

Illi tenut kont tal-fatt illi l-ewwel fattura hija datata 6 ta’ Settembru 2005, filwaqt illi l-azzjoni giet proposta fis-6 ta’ Awissu 2010, allura jsegwi illi l-perjodu ta’ hames (5) snin li fih setghet tigi proposta l-azzjoni, kien ghadu ma skadiex. Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ kjamata in kawza m’ghandhix tigi akkolta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet konvenuti li m’humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ kjamata in kawza, u jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu limitatament fil-konfront tas-socjeta’ kjamata in kawza.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------